MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 479/2010/1

**Tiger Brand Limited (C 23579)**

**vs**

**Strand Palace Agencies Limited (C 3838)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fis-6 ta’ Mejju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunza s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***“It-Tribunal**,*

*Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ elf u sitt mitt ewro (€1,600) rapprezentanti bilanc ta’ telf ta’ qliegh li kienet ser taghmel is-socjeta’ esponenti u dan wara li l-istess socjeta’ attrici kienet xtrat validament minghand is-socjeta’*

*konvenuta merkanzija ta' lewz u li dan ta' l-ahhar naqset li tikkonsennja.*

*Bl-imghax mill-ittra ufficjali tat-12 ta' Frar 2010 u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, nkluz dawk ta' l-appena msemmija ittra ufficjali, liema socjeta' konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn qalet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza, mhux minnu li s-socjeta' attrici kienet xtrat il-merkanzija in kwistjoni u ghalhekk jsegwi illi mhux minnu lanqas li s-socjeta' konvenuta naqset illi tikkonsenja l-istess jew li kellha l-obbligu li tikkunsenjahom.*

*Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.*

*Sema' x-xhieda ta' Stephen Calleja, Jesmond Stellini, Michael Catania, Vincent Catania, David Mercieca u Raymond Calleja.*

*Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600) rapprezentanti telf ta' qligh li kienet ser taghmel is-socjeta' attrici wara li din l-istess socjeta' attrici allegat li kienet xtrat konsenja qawwija ta' lewz li ma giex ikkunsinjat lilha mis-socjeta' konvenuta.*

*Mill-provi tas-socjeta' attrici rrizulta li fil-15 ta' Jannar 2010 Michael Catania, direttur tas-socjeta' attrici kien ftiehem ma' Jesmond Stellini, salesperson tas-socjeta' konvenuta dwar il-bejgh ta' ghaxar kaxxi ta' ghaxar kilo l-wahda lewz. Illi s-socjeta' attrici kienet importatrici ta' prodotti ghal catering bhal ma hija s-socjeta' konvenuta izda kienet ukoll klijenta regolari tas-socjeta' konvenuta. Intqal minn Michael Catania li huwa kien ibiegh prodotti lil dulciera u qal li kien ghamel ftehim ma' Jesmond Stellini dwar konsenja ta' lewz tad-ditta 'Borges,' fejn fil-bidu kien talbu*

*mitejn (200) kaxxa izda Stellini kien wiegbu li kellu jkellem lill-imghallem tieghu peress illi kien talab kwantita' qawwija. Ftit sieghat wara Catania kien tkellem ma' Stephen Calleja li huwa direttur tas-socjeta' konvenuta u ftehmu li huwa seta' jbieghlu biss mitt (100) kaxxa ta' ghaxar (10) kilo lewz u mhux mitejn (200) kaxxa lewz bil-prezz miftiehem ta' tmienja u tletin ewro (€38) ghal kull kaxxa ta' ghaxar (10) kilo. Catania kien ftiehem ukoll fuq xi prodotti ohra. Ftehmu dwar il-konsenja izda qal li kienu waslu l-perlini izda ma wasalx il-lewz. Il-ftehim kien li t-Tlieta ta' wara u cioe' fid- 19 ta' Jannar 2010 kellu jibghatlu l-perlini u l-Hamis kellu jibghatlu l-lewz. Sussegwentement ftiehmu li l-konsenja kollha ssir il-Hamis fejn gew inkluzi ukoll ghaxar xkejjer ta' hamsa u ghoxrin (25) kilo cocoa powder. Il-cocoa powder kif ukoll il-perlini wasslu izda l-lewz baqa' ma wasalx. Fil-gurnata tal-Hamis 21 ta' Jannar 2010 kien cempillu Jesmond Stellini u qallu li s-socjeta' konvenuta kienet lesta tikkunsinja l-lewz u meta kien ser jasal il-lewz tieghu huwa kien ha jirrendih lura. Stqarr ukoll illi l-ftehim ta' bejgh kien sar ma' Stephen Calleja filwaqt illi l-ftehim ta' konsenja kien sar ma' Jesmond Stellini. Illi skont Catania dan ma kienx il-ftehim u insista ghal bejgh ix-xhud spjega kif huwa kien ibiegh il-lewz lil dulciera ghal tnejn u hamsin ewro (€52) ghal kaxxa ta' ghaxar (10) kilo. Intqal ukoll illi huwa dejjem kien jinnegozja ma' Stephen Calleja dwar xiri ta' prodotti izda kienet l-ewwel darba li kienu ftehmu fuq xiri ta' kwantita' daqshekk kbira ta' lewz. Qal ukoll illi Stephen Calleja jokkupa kariga gholja mas-socjeta' konvenuta u ghalhekk kien kapaci jiddeciedi huwa stess. Illi in sostenn tal-provi migjuba minn Catania dwar il-bejgh tal-lewz, huwa pprezenta kopja ta' statement mahruga mis-socjeta' konvenuta fid-29 ta' April 2009 u mibghuta lis-socjeta' attrici fejn hemm indikata fattura numru 88349, fis-somma ta' erbat elef u mitejn ewro u hames centezmi (€4,200.05) datata l-15 ta' Jannar 2010 tax-xoghol mibjugh lilu izda liema xoghol gie kkreditat fid-19 ta' Jannar 2010 u cjoe erbat ijiem wara l-allegat bejgh. Huwa qal illi qatt ma rcieva kopja tal-fattura izda kien biss ircieva statement min-naha tas-socjeta' konvenuta li ndikat in-numri tal-fatturi li kienu gew riversjati. In kontro-ezami spjega kif huwa ma kienx ghamel ordni separata minn barra ghaliex*

*il-prezz tal-lewz kien beda joghla u ghalhekk kien hassar l-ordni minn barra u kkonferma l-ordni skont il-prezz moghti lilu mis-socjeta' konvenuta. Dan il-prodott kellu jintuza ghaz-zmien tar-randan bhala preparamenti ghall-festa tal-Ghid.*

*Xehed Vince Catania, hu Michael Catania, li jahdem mas-socjeta' attrici bhala salesperson u xehed illi huma dak iz-zmien tar-randan tas-sena l-ohra ma kellhomx bizzejjed lewz in stock ghad-dulciera ghaliex kellhom kunsinja li ma kinetx ghadha waslet. Lid-dulciera spiccaw ma kkonsinjaw xejn ghaliex is-socjeta' konvenuta ma kinetx ikkonsenjatilhom l-ordni li kienu ghamlu maghha.*

*Sema' x-xhieda ukoll ta' David Mercieca, klijent tas-socjeta' attrici li huwa dulcier minn Ghawdex u qal illi Catania ma kienx qdiegh fis-sena 2010 bil-lewz ghall-preparamenti tal-helu tal-Ghid u spicca billi ma kienx ghamel helu ghall-Ghid. Qal illi huwa kien cempel lil Catania ghal habta tal-bidu ta' Marzu 2010 izda l-lewz kien wasallu wara l-Ghid u ma kellux bzonn iktar lewz. Catania ma kienx infurmah illi kellu xi problemi mas-supplier.*

*It-Tribunal sema' x-xhieda ta' Stephen Calleja fejn spjega kif huwa jahdem bhala Executive Director fis-socjeta' konvenuta izda meta kien ikun hemm ordni ta' prodotti tal-ikel f'certa kwantita' kbira huwa kien dejjem jirreferiha lil missieru li jiehu hsieb direttament il-food services tas-socjeta' konvenuta. Stephen Calleja xehed illi Jesmond Stellini kien talbu sabiex ikellem lis-Sur Michael Catania ghaliex kien ried xi prezz specjali fuq kunsinja lewz mithun. Huma kienu nnegozjaw fuq it-telephone izda kien spjegalu li peress illi huma kienu qieghdin jinnegozjaw kwantita' kbira kellu jkellem lil missieru izda missieru ma kienx Malta u kellu jaghtih risposta fid-19 ta' Jannar 2010 meta jirritorna missieru u ghaldaqstant kien ibblokkja l-ordni fis-sistema interna. Meta tkellem ma' missieru, qallu li huwa ma kienx dispost ibiegh dik il-kwantita' ghaliex il-prezz tal-lewz ivarja fuq is-suq internazzjonali u ghaldaqstant ried isselliflu dan l-ammont ghaliex kien jaf*

*illi huwa kien ukoll importatur ta' l-istess prodott. Stephen Calleja spjega lill-Catania fil-15 ta'*
*Jannar 2010 li huwa kien ha jibblokkja l-bejgh tal-lewz sakemm ikollu konferma minghand missieru u hekk ghamel tant illi din l-ordni ddahlet fis-sistema interna taghhom u ghalkemm dehret bhala 'fattura' l-prodott kif ukoll il-fattura qatt ma gew kkunsinjati lill-klijent. Din is-sistema kienet haga interna tas-socjeta' konvenuta sabiex jaqdu lil klijent billi jibblukkaw il-kunsinja fil-kaz illi missieru kien ha jikkonferma l-istess bejgh. Illi wara li huwa rcieva konferma minghand missieru li ma riedx ibiegh dik il-kwantita' kbira lil Catania huwa rriversja l-fattura mis-sistema interna li kienet ghadha mhux mghoddija lill-klijent. Qal illi l-ftehim tal-prezz u tal-bejgh kien dejjem soggett ghall-konferma mill-papa' tieghu li peress illi kien imsiefer ma setax jaghtih konferma qabel id-19 ta' Jannar 2010. Qal ukoll illi meta l-ordnijiet kienu jirrigwardjaw ammonti sostanzjali kien missieru l-bniedem li kien jiehu d-decizjonijiet finali. Qallu ukoll illi s-socjeta' konvenuta kienet disposta biss issellfu din il-konsenja sakemm jircevi tieghu. Catania qallu li ma riedx li jissellef l-lewz izda ried li s-socjeta' konvenuta tbieghlu l-lewz.*

*It-Tribunal ra l-fatturi pprezentati in atti u kif kienu ser jinhargu mis-socjeta' konvenuta. Peress illi Stephen Calleja kien ghamel reversal ta' dawn il-fatturi, dawn baqghu interni u mifhuma bhala ordnijiet.*

*It-Tribunal sema' lil Jesmond Stellini jixhed illi s-socjeta' attrici hija klijenta tas-socjeta' konvenuta. Huwa jahdem bhala salesperson mas-socjeta' konvenuta. Spjega kif huma jbieghu prodotti ta' ikel u l-lewz in kwistjoni u li huma mpurtati mid-ditta 'Borges'. Illi din id-ditta ma kinetx ditta esklussiva ghas-socjeta' konvenuta u kien hemm importaturi ohra f'Malta fosthom Catania. Spjega kif Catania kien talbu ghall-kunsinja kbira ta' lewz u qallu li huwa ma kienx jista' jbieghlu ammont ta' mitejn (200) kaxxa qabel ma jkellem lil Ray Calleja. Peress illi Ray Calleja kien imsiefer huwa kien qabdu ma Stephen Calleja, iben Ray Calleja. Kien hemm xi ordnijiet ohra tal-perlini izda dawn ma kienx hemm kwistjonijiet dwarhom. Meta ftit jiem wara kien irritorna Ray Calleja, huwa qal illi*

*ma kienx dispost ibiegh lil Catania b'dak il-prezz izda kien biss dispost iselliflu l-lewz. Spjega kif bhala salesperson ma jidholx f'stock items u halla lil ta' fuqu sabiex jiddeciedu. Sussegwentement sar jaf illi meta rritorna Ray Calleja mis-safar, ma kienx dispost jehles mill-istock kollu ghaliex kien diga` stokkjat ghal perjodu tal-Ghid li kien gej dalwaqt u ma riedx johrog l-istock kollu tieghu f'daqqa. Xehed ukoll illi ghalkemm Stephen Calleja huwa direttur tas-socjeta' attrici, Ray Calleja huwa l-bniedem li jiehu certi decizjonijiet u huwa l-proprjetarju tal-azjenda u dwar catering kien jiehu hsieb dejjem Ray Calleja.*

*Skont Ray Calleja qal li l-prodott tal-lewz li jinbejgh mis-socjeta' konvenuta huwa prodott li jaqa' tahtu peress illi huwa jiehu hsieb il-food services tas-socjeta' konvenuta u huwa jiehu hsieb ix-xiri tieghu fis-suq internazzjonali. Spjega kif appena ibnu rcieva t-telefonata minn Michael Catania, Stephen kien warrab dawn l-ammonti sabiex salesmen ohra ma jbieghuhomx. Ikkonferma li din l-ordni kienet soggetta ghall-konferma tieghu. Meta huwa kien gie lura mis-safar u ha hsieb din l-ordni ra li kienet ghal kwantita' enormi li ma setghetx facilment tigi rimpjazzata lokalment. Iddecieda li jekk ried il-klijent, huwa kien dispost isellliflu l-lewz izda s-salesman baqa' jsostni li ried jixtri u mhux jissellef. Spjega ukoll kif il-prezz tal-lewz kien qieghed joghla u ra li l-prezz li kien ha jinbiegh lis-socjeta' attrici kien prezz irhis.*

*It-Tribunal ra li t-talba attrici hija bbazata fuq telf. Illi mill-provi migjuba quddiemu, t-Tribunal ra li s-socjeta' attrici kienet ser tixtri l-lewz bi tmienja u tletin ewro (€38) ghal kull ghaxar (10) kilo u kienet ha tbieghu tnejn u hamsin ewro (€52) ghal kull ghaxar (10) kilo. Illi b'kollox kienet ha taghmel qligh ta' erbatax-il ewro (€14) ghal kull ghaxar (10) kilo u multiplikat b'mitt kaxxa kien ha jkun hemm qligh ta' elf u erba' mitt ewro (€1400) u dan huwa t-telf imsemmi minnha.*

*Izda qabel ma jidhol fil-mertu dwar it-telf, it-Tribunal ghandu jkun konvint illi fil-fatt kien sar att ta' bejgh mis-socjeta' konvenuta. Mill-provi kollha migjuba quddiem it-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' konvenuta kienet ghamlitha*

*cara li l-bejgh tal-lewz kien soggett ghall-konferma ta' missier Stephen Calleja li kien jinsab barra minn Malta u ghalhekk kien qieghed jikkunsidraha bhala ordni. Illi mill-provi jirrizulta li l-azjenda tas-socjeta' konvenuta hija gestita minn familja wahda u Ray Calleja huwa l-proprjetarju. Fehem ukoll illi certi decizjonijiet jittiehdu minn Ray Calleja u mhux minn Stephen Calleja minkejja li huwa l-Executive Director taghha. In sostenn ta' dan, Stephen Calleja dejjem xehed illi l-bejgh kien soggett ghall-konferma tal-missier peress illi Stephen Calleja kien jaf li kien qieghed jinnegozja kwantita' qawwija li kien ha jikkoncerna l-istock kollu taghhom u kellu joqghod attent partikolarment meta kien qed joqrob il-perjodu tal-Ghid. It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kopja tal-istatement li kienet irceviet is-socjeta' konvenuta kienet inkludiet l-allegat bejgh fil-15 ta' Jannar 2010 fis-somma ta' erbat elef u mitejn ewro u hames centezmi (€4200.05) li gie riversat fid-19 ta' Jannar 2010 meta gie lura Ray Calleja mis-safar. Gie spjegat ukoll mis-socjeta' konvenuta li l-istatement kienet tirrifletti l-fatt illi l-prodott kien hareg minn stock item u gie blokkat ghall-istess klijent sakemm kien hemm konferma minn Ray Calleja. Illi fid-19 ta' Jannar 2010 dik l-ordni kienet giet riversjata nternament u nhargu invoices mill-gdid sabiex it-tajbin jinghataw lill-klijent meta jikkonsinjaw parti mill-ordni li kienet accettabbli u cioe' ghal cocoa powder u ghal perlini. Illi l-fatturi li gew irriversjata minn Stephen Calleja qatt ma nghataw lil klijent ghaliex a parti mill-fatt illil-klijent kien jaf illi l-ordni kienet soggetta ghall-konfema ta' Ray Calleja, Catania qatt ma gie moghti l-fattura ghaliex qatt ma kien hemm konsenja fl-ammont pretiz minn Catania.*

*It-Tribunal ra kif Stephen Calleja xehed li ma kienux inhargu invoices lill-klijent peress illi ghalihom il-bejgh ma kienx ghadu sar. Illi meta sar il-bejgh ta' prodotti ohra apparti l-lewz dawn gew imnizzla f'invoices godda.*

*Illi mill-provi tas-socjeta' konvenuta t-Tribunal huwa sodisfatt mis-sistema ta' kif tahdem is-socjeta' konvenuta. Illi jirrizulta car illi din l-azjenda hija kontrollata minn familja wahda u certi decizjonijiet jittiehdu dejjem mill-proprjetarju anzjan. Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-verzjoni tas-*

*socjeta' konvenuta hija veritjera stante illi d-decizjoni finali kienet ittiehdet nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2010 kif kien wieghed Stephen Calleja. Illi l-verzjoni tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta baqghet dejjem konsistenti u t-Tribunal ma jistax ma jemminx illi kien minnu li l-bejgh ta' kwantita' enormi tal-prodott mitlub minn Michael Catania kellu jezigi konferma minn Ray Calleja, tant illi meta gie lura mis-safar Ray Calleja huwa kien offra li jsellef l-kwantita' lil Catania u mhux li jbieghlu. Illi sa dak inhar kien ghad hemm ordni biss ghalkemm internament fis-sistema kompjuterizzata kienet dehret invoice. It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi mill-15 ta' Jannar 2010 sad-19 ta' Jannar 2010 kienu ghaddew biss erbat ijiem li tnejn minnhom inzertaw fi tmiem il-gimgha. Illi kieku verament is-socjeta' attrici ma riedetx titlef il-bejgh ta' dan il-prodott kellha kull cans li tordnah izda ghazlet li ma tordnahx u lanqas li tissellef il-prodott.*

*Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi l-pern kollu ta' din il-kawza tirrigwarda l-prezz tal-lewz fis-suq internazzjonali. Illi t-Tribunal huwa konvint li s-socjeta' attrici kienet giet a konoxxenza tal-fatt illi l-lewz kien qieghed joghla izda riedet bil-fors tixtri l-istock tas-socjeta' attrici u mhux tordna ghaliha minn barra separatament u lanqas illi tissellef il-prodott sabiex ma titlifx il-bejgh mall-klijenti taghha. It-Tribunal huwa konvint illi s-socjeta' attrici kienet taf illi l-prezz tal-lewz kien qieghed joghla.*

*It-Tribunal huwa sodisfatt illi mill-provi kollha migjuba quddiemu, huwa konvint mill-verzjoni tas-socjeta' konvenuta u ma jirrizultax illi kien sar il-bejgh ta' dawn il-prodotti ghaliex ghalkemm il-prodott mitlub mis-socjeta' attrici kienet ordnata u miftehma, is-socjeta' konvenuta kienet ghamlitha cara li hija kienet qieghda tibblokka dan il-bejgh sakemm ikun hemm konferma minn Ray Calleja, sid l-azjenda li dak inhar kien jinsab barra minn Malta u kellu jirritorna fid-19 ta' Jannar 2010 fl-ufficju. Illi sa dak inhar hija l-fehma tat-Tribunal illi kien hemm biss konferma ta' ordni minn Catania li giet ibblokkjata minn Stephen Calleja sakemm jircievi konferma minn missieru fid-19 ta' Jannar 2010. Illi di fatti skont emajl ezebita minn Ray Calleja a fol 46 immarkata RC1, din l-emajl hija*

*datata 20 ta' Jannar 2010 u cioe' gurnata wara li kien ha d-decizjoni li ma jbieghx lis-socjeta' attrici. Illi f'din l-emajl intqal mill-principali ta' Spanja minn fejn kienu jixtru l-lewz li l-prezz tal-lewz kien qieghed joghla u dan sar jafu l-ghada li kienet ittiehdet id-decizjoni li ma jbieghx il-lewz f'dik il-kwantita' kollha.*

*Illi wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, it-Tribunal ra li bejn il-partijiet ma kienx hemm ftehim dwar il-bejgh ta' mitt (100) kaxxa b'ghaxar (10) kilo lewz izda kien hemm ordni kkonfermata mill-klijent. Illi ghalkemm l-ordni kienet in stock din kellha tigi kkonfermata fid-19 ta' Jannar 2010 u dak inhar is-socjeta' attrici giet infurmata li l-bejgh ma kienx ser ikun possibli u giet offerta li l-prodott jigi misluf lilha izda s-socjeta' attrici insistiet dwar il-bejgh biss tal-prodott. Ghaldaqstant, peress illi ma kienx sar bejgh bejn il-partijiet qatt ma jista' jkun hemm kwstjoni ta' telf kif gie allegat mis-socjeta' attrici u in konkluzjoni it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba attrici.*

*It-Tribunal ghalhekk huwa sodisfatt illi ma kienx sar bejgh tal-lewz u mhux minnu lanqas illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tikkonsenja l-istess.*

*Ghaldaqstant, wara li ezamina bir-reqqa l-provi u sema' l-fatti kif zvolgew, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.*

*Bl-ispejjez tal-kawza sopportati mis-socjeta' attrici".*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' Tiger Brand Limited datat 25 ta' Mejju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghat-trattazzjoni ghas-seduta tat-24 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta' appellata Strand Palace Agencies Limited (C 3838) datata 13 ta' Gunju 2011 a fol 11 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet

hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-attrici appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta’ Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Toni Abela ghall-appellant. Is-socjeta` appellata u d-difensuri taghha msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Abela tratta l-kaz. Dr. Cutajar u l-appellat ghalkemm saru l-10.35 a.m. baqghu ma dehrux. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-21 ta’ Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (it-Tribunal) fl-ismijiet premessi datata 6 ta’ Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta’ appellanti ssostni li mill-provi kien jirrizulta li d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1347 tal-Kap. 16** dwar bejgh kienu gew sodisfatti peress li kien hemm qbil bejn il-partjiet dwar il-haga u l-prezz, u dan fis-sens li s-socjeta’ konvenuta appellata kienet intrabtet li tbiegh lis-socjeta’ attrici appellanti 100 kaxxa lewz mithun bil-prezz ta’ €38 kull kaxxa, u dan gie wkoll ikkonfermat permezz ta’ dokument indikat bhala *transaction history* datat 15 ta’ Jannar 2011 (Dok. “CS 1” – a fol. 17) fejn jirrizulta li fih indikat li saret ordni tal-valur ta’ Lm4,200, li appuntu €3,800 minnha kienu l-valur tal-istess kwantita’ ta’ lewz. Din l-operazzjoni giet imdawwra fid-19 ta’ Jannar 2011 u dan relattiv ghall-ordni kollha (inkluz allura ghall-perlini li kienu gew ikkonsenjati). F’dan il-kuntest l-appellant qed isostni li din l-operazzjoni saret biss bil-mod li saret sabiex thassar dak li gie miftiehem fuq il-lewz u mhux ghaliex tali bejgh ma kienx gie konkluz. F’dan il-kuntest is-socjeta’ attrici ssostni li l-ftehim intlahaq ma’ Stephen Calleja li

huwa Executive Director tas-socjeta’ konvenuta, u allura kellu s-setgha li jorbot lill-istess socjeta’, u f’din l-affari Raymond Calleja ma kellu x’jaqsam xejn, u allura mhux minnu li tali ordni kienet suggetta ghall-kondizzjoni li tigi approvata minn Raymond Calleja, kif skond l-appellanti, irritjena erronjament it-Tribunal.

Illi dak li l-appellant qed jistieden lil din il-Qorti taghmel huwa fil-fatt li jsir apprezzament tal-provi mill-gdid minn din il-Qorti ghaliex is-socjeta’ appellanti mhux qed taqbel ma’ dak li gie deciz mit-Tribunal li accetta l-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta minflok dik tas-socjeta’ attrici.

Illi kif gie deciz fis-sentenzi **“Philip Grima et vs Michael Borg et”** (A.I.C. (RCP) – 30 ta’ Novembru 2011) u **“Maria Calleja et vs Carmel Bonanno”** (A.I.C. (RCP) – 27 ta’ Ottubru 2010) ma hemmx dubju li meta appell huwa merament fuq punt ta’ fatt u mhux punt ta’ dritt, hija prassi stabbilita ta’ din il-Qorti ta’ revizjoni li ma tiddisturba qatt leggerment dik l-evalwazzjoni li tkun ezercitata mill-Ewwel Qorti dwar provi ta’ fatt li jkunu gew prodotti quddiemha, hlief f’kazijiet li jistghu jigu kkunsidrati bhala eccezzjonali fejn jirrizulta li jkun sar zball tali li abbazi tal-istess provi prodotti quddiem l-istess Qorti ta’ prim istanza ma setghax jew manifestament ma kellhiex tasal ragonevoment ghall-tali konkluzjoni li tkun effettivament waslet ghaliha, b’dan allura li l-istess decizjoni tkun vizzjata bi zball jew nuqqas ta’ konsiderazzjoni ta’ elementi vitali fil-provi **(“Pierre Borg et vs Blye Engineering Co. Ltd”** (A.I.C (JF) – 30 ta’ Settembru 2002); **“Paul Formosa vs Salvu Debono”** - A.C. – 5 ta’ Ottubru 2001); **“Brigitte Vella pro. et noe. vs Richard Vella”** A.C. – 5 ta’ Ottubru 2001); u **“Laura Seguna et vs Francis Mallia et”** (A.C. – 27 ta’ April 2001); u **“Maria Xeureb et vs Clement Gauci”** (A.C. – 24 ta’ Marzu 2004).

Illi fil-kaz odjern ma hemmx dubju li t-Tribunal, wara li kkonsidra l-provi kollha prodotti, dehrlu li kellu jaccetta l-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta li ma kienx hemm ftehim fuq l-oggett u l-bejgh, ghaliex l-ordni tas-socjeta’ attrici li giet moghddija lil Stephen Calleja, kienet dejjem suggetta fi kliem l-istess Stephen Calleja, ghall-konferma minn

Raymond Calleja, u la darba Raymond Calleja, ma kkonferrmax l-istess ordni kif gie informat biha, mela allura ma kienx hemm ftehim dwar il-haga u l-oggett, fl-ebda stadju tat-trattativi bejn il-partijiet, b'mod li ma kienx hemm *consensus ad idem.*

Illi ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti, li tenut kont tal-provi prodotti, it-Tribunal seta` jasal ghal tali konkluzjoni, u fid-decizjoni tieghu, l-istess Tribunal spjega sew ghaliex accetta l-verzjoni tas-socjeta' konvenuta, b'hekk li s-sentenza hija, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ben motivata, u tghid car ghaliex fil-fatt accettat il-verzjoni tas-socjeta' konvenuta bhala l-iktar wahda tenibbli, veritiera u veromsimili.

Illi din il-Qorti ezaminat hija l-istess xhieda u thoss li ftit li xejn tista' zzid ma` dak li qal it-Tribunal, li jirrizulta li uza d-deskrizzjoni li ghandu sabiex jevalwa l-provi quddiemu, u li huwa sema' b'mod sew, u ta decizjoni ben motivata. Fuq kollox il-pern tal-kwistjoni huwa li Stephen Calleja mill-ewwel ghamilha cara mas-socjeta' attrici, li l-ordni kienet suggetta, proprju anke minhabba l-ammont taghha, ghall-approvazzjoni minn naha ta' Raymond Calleja, u f'dan ix-xhieda ta' Stephen Calleja, taqbel ma' dik ta' Jesmond Stellini, u ta' l-imsemmi Raymond Calleja. It-Tribunal ikkonsidra wkoll is-sinifikat tar-*reversal* u hawn sostna li din saret ghaliex l-ewwel l-ordni tigi mblukkata internament sakemm ovvjament ikun hemm konferma o meno minn Raymond Calleja, u meta din ma gietx, sehhet ir-*reversal* fl-istess ordni. Dan kollu ghaliex gie ritenut, bhal ma din il-Qorti qed tikkonferma, li l-ordni tas-socjeta' attrici kienet dejjem soggetta ghall-konferma minn Raymond Calleja, li baqghet ma gietx. Ghalhekk l-appell odjern qed jigi michud ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' appellata Strand Palace Agencies Limited datata 13 ta' Gunju 2011, **tichad l-appell interpost b'rikors tal-appell**

**mis-socjeta' appellanti Tiger Brand Limited datat 25 ta' Mejju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi "Tiger Brand Limited vs Strand Palace Agencies Limited" datata 6 ta' Mejju 2011 (Talba Numru 479/10/MK) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Tiger Brand Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------